Kunsill Lokali
Għajnsielem

# MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL
## IT-TMIEN KUNSILL
## SEDUTA NRU. 27- L-Erbgħa, 22 ta' Settembru 2021

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar L-Erbgħa, 22 ta' Settembru 2021 fl-4:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |

**27.1 Talba**

27.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

27.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

## 27.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

27.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 27.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

27.4.1 Is-Sindku għamel referenza għas-suċċess miksub mill-kunċert imtella' JP2 Foundation fil-Knisja Arċipretali nhar il-Hadd 19 ta' Settembru li permezz ta' Patri Alessandro flimkien mal-Orchestra u diversi tenuri fosthom Angelo Muscat u l-Chorus Urbanus Junior immexxi minn Maureen Zerafa. Is-Sindku rrefera għas- serata bħala waħda mill-isbaħ u li nħossuna kburin li nkunu parti minnha.

27.4.2 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal-talba ta kollaborazzjoni għall-attivita' simili mingħand Gaulitana: A Festival of Music li ser isir fil-Knisja ta' Sant Antnin nhar it-Tlieta 5 t'Ottubru 2021 fit-8:00pm. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora f'xi spejjes sa mhux aktar minn €300 biex jippromovi attivitajiet ta' dan it-tip fil-lokal.

27.4.3 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu ma' Hili Ventures dwar il-proġett tal-lukanda ta' Kemmuna fejn is-Sindku spjegalhom x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill fejn m'aħniex kontra l-iżvilupp per se pero naraw li l-interessi tal-pubbliku jkunu ssalvagwardjati. Is-Sindku ppreokkupa ruħu kif wara li kellu l-laqgħa ħareg artiklu fuq il-gażżetta li parti mill-vilel ser ikunu għall-bejgħ. Sar qbil li għandna niktbu lil Rachel Xuereb (ADI Architects) li qed jieħdu ħsieb l-EIA biex tagħtina spjegazzjoni ta' x'ser jiġri eżatt f'dan ir-rigward.

27.4.4 Is-Sindku għamel referenza għat-tribunal tas-Sheep farm li nżamm nhar it-Tlieta, 14 ta' Settembru. Il-perit tal-Applikant ressaq diversi xhieda u jidher li qed jsaħħu l-argumenti tagħhom inkluż l-fatt li l-AAC ma ssibx oġġezzjoni jekk jsiru kambjamenti tekniċi tal-pjanti. Se jkun hemm bżonn neskalaw l-affarijiet u jekk hemm bżonn nitkellmu mal-media u anke nitkellmu ftit sew mal-Avukata tagħna Claire Bonello fuq x'jista

jsir. Is-seduta li jmiss hija għat-2 ta' Diċembru fit-3.30pm. Sar qbil li għandna nagħħmlu sforz bl-avukata u jekk hemm bżonn indaħħlu lil-pubbliku għal-laqgħa wkoll.

27.4.5 Is-Sindku għamel analiżi tal-Festa fejn qal li meta tqis kollox naħseb kienet aħjar mis-sena l-oħra. Il-Kunsilliera esprimew kliem ta' tifħir għall-kunċert tal-Banda San Ġużepp li prattikament kienet l-unika attivita tal-festi esterni. Is-Sindku rrefera wkoll għall-fatt li għalaqna it-toroq kollha inkluz Pjazza Indipendenza ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-pubbliku.

27.4.6 Is-Sindku spjega kif issa li għadda is-sajf iħossu ferm iddiżappuntant mit-tisqija li saret mill-kuntrattur u jixtieq li tinstab sistema aħjar għas sajf tas-sena id-dieħla.

27.4.7 Is-Sindku għamel referenza għax-xogħol li sar biex jitnaddaf il-gandott ma ġenb il-kamra ta' Azzopardi fi' Triq ix-Xatt l-Aħmar fejn saru pajpijiet tal-pied u cement fuqu sabiex ma jerġax jisntad mit-tafal tal-għelieqi. Is-Sindku qali li l-ħaddiema tefaw aktar cement minn dak neċessarju. Fil-fatt saru xi rapport u ġejna kkuntattjati mill-Enforcement Section tal-Ippjanar biex nirregolarizżaw ruħna. Huwa spjega kif għattejnih dan ġie mgħotti bil-ħamrija billi m'hemx ħafna kobor iżda jista jagħti l-każ li l-quddiem jkun hemm bżonn tinqala parti żgħira mic-cement.

27.4.8 Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li matul is-sajf saret ħafna ħsara fil-playingfield Amabile Cauchi minn grupp ta' ġuvunitur. F'dan l-istadju, s-Sindku propona lii jinxtraw żewġ cameras u nżidu d-dawl. Il-Kunsill qabel ma dan.

27.4.9 Is-Sindku rrefera wkoll għax-xogħol li wettaqna flimkien mal-EcoGozo tas-shiftng tal-boulders fix-Xatt l-Aħmar. Huwa spjega kif waqt li kien għaddej ix-xogħol u wasalna fil-fażi finali tiegħu, waqqfuna tal-Enforcement peress li stqarrew li konna ninħtiegu permess ieħor tal-Planning mhux tal-ERA biss. Is-Sindku spjega kif ix-xogħol waqaf minnufih iżda l-passaġġ jinsab miftuħ u l-bajja hija aċċessibbli. Issa jonqos li ssir il-platform.

27.4.10 Is-Sindku spjega kif bħala Kunsill aċċettajna li nieħdu sehem fil-FunRun organiżżata mill-President ta' Malta

b'risq il-Community Chest Fund. Din il-mixja ser issir nhar l-14 ta' Novembru 2021. Il-ħin jingħata aktar 'il quddiem. Il-Kunsill ser ikun ukoll involut fir-reġistrazzjoni, ġbir ta' ħlas tar-reġistrazzjoni kif ukoll tqassim tal-flokkijiet u n-numri tal-parteċipanti. Wara li jingħalaq il-proċess ta' reġistrazzjoni, il-Kunsill irid jgħaddi lista tan-numru ta' parteċipanti lir-Reġjun u jassikura li jagħmel rikonċiljazzjoni man-numru ta' parteċipanti u l-flus miġbura. L-iskop hu li kull Kunsill jaħdem sabiex ikollu minn tal-inqas 100 parteċipant fil-mixja. Mar-reġistrazzjoni, li se tkun miftuħa bejn it-18 u 23 ta' Ottubru, il-Kunsill ser ikun qed jagħti n-numru kif ukoll it-T-shirt lill-parteċipant għal donazzjoni ta' Ewro10.00. Dawn il-flus jistgħu jingħataw lil President waqt l-attivita' tal-Istrina jew inkella f' okkażjoni oħra li titħabbar aktar 'il quddiem. Bħala rotta għazilna li nitilqu mill-Kunsill lejn Triq Cordina, Triq il-Brieghen, Triq Merkanti, Triq il-Qigħan, Triq Mgarr u Triq il-Ġnien.

27.4.11 Is-Sindku Kevin Cauchi propona sabiex hekk kif waslet biex tibda sena oħra skolastika, huwa xieraq li nagħmlu attivita' ckejna lit-tfal bħala Welcome to School. Sar qbil li għandna nżejnu l-entratura u wkoll inġibu Karattru sabiex jilqagħhom deħlin l-iskola.

## 27.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

27.5.1 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex issir Stop sign fi Triq il-Baħħara.

27.5.2 Il-Kunsillier Stephen Mercieca propona li jitwaqqaf kumitat biex nerggħu nitolbu li titkompla l-pjazza. Is-Sindku spjega kif huwa kemm il-darba tkellem mal-Ministru Clint Camilleri dwarha u dejjem wera x-xewqa li ssir. Huwa spjega kif dan huwa kaz delikat u li għandna nimxu ħafna b'kawtela. Sar qbil li għandna nkellmu lill-awtoritajiet konċernati dwarha nkluż l-arcipriet.

27.5.3 Il-Kunsillier Teddy Saliba talab sabiex isir xi tip ta' patching fi Triq Simirat qabel il-cross roads.

27.5.4 Il-Kunsillier Teddy Saliba rrefera għal-rampa fuq il-bankina ta' resident sabiex issir non slip. Sar qbil dwar din it-talba.

27.5.5 Il-Kunsillier Teddy Saliba nsista sabiex ninawguraw l-Mini Open Libraries kemm jista jkun malajr. Is-Sindku wieġbu li ser nippruvaw ninawgurawhom f'Novembru u qed nistennew lill-Ministru tal-Edukazzjoni sabiex tagħtina data.

27.5.6 Il-Kunsillier Teddy Saliba propona wkoll sabiex niksbu l-permessi neċessarji tal-Awtoritajiet u norganiżżaw xi ħarga għall-anzjani u weekend break peress li l-pubbliku issa huwa mixtieq għal dawn it-tip ta' attivitajiet.

27.5.7 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex tinżabar is-siġra li hemm ħdejn id-dgħajsa fi Triq iż-Żewwieqa.

27.5.8 Il-Kunsillier Teddy Saliba talab ukoll sabiex infasslu programm ta' attivitajiet għal Milied dejjem koperti bl-approvazzjoni tal-awtoritajiet tas-saħħa.

27.5.9 Il-Vici Sindku Franco Ciangura għamel referenza għall-attivita' li nżammet għal żgħażagħ mil-lokalita' tagħħna u minn lokalitajiet oħra f'Għawdex fejn attenda huwa flimkien mal-Kunsillier Larry Buttigieg. Huwa spjega kif ħassu kburi biż-żgħażagħ tagħna. Waqt dan is-seminar iż-żgħażagħ kienu mitluba jagħmlu proġett sabiex inżommu t-tradizzjonijiet, fejn huma ddeċidew li jinkludu kif ser nippreservaw lil Bethlehem f'Għajnsielem u l-monument ta' Anglu Grech.

27.5.10 Il-Viċi Sindku semma li huwa ltaqa mhux formalment mal-Ministru għal Għawdex fejn fosthom iddiskuta l-futur ta' Bethlehem f'Għajnsielem kif ukoll il-Pjazza tar-raħal. Huwa speja kif il-Ministru wera ħafna nteress biex jagħti l-għajnuna tiegħu liż-żewġ proġetti.

27.5.11 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab jekk hemmx ċans norganiżżaw il-parking tal-Gardun. Sar qbil li għandna nressqu talba lill-Ministeru għal Ghawdex peress li jaqa' taħt il-kompetenza tagħhom.

27.5.12 Il-Vici Sindku ressaq it-talba sabiex issir sleeping police ħdejn l-għassa l-qadima fi Triq Simirat. Sar qbil li l-Viċi

Sindku jikkuntjhom u jekk jaċċettaw iż-żewg ġirien nagħmluha.

27.5.13 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-ħtiega ta' patching fil-lokal. Is-Sindku wieġbu li ilna ħafna niġru wara l-kuntrattur izda qtajna qalbna u għalhekk inxtrat siega biex jinqata' t-tarmak pulit u buffer biex il-patching jitwitta sewwa biex b'hekk ikunu jistgħu jagħmluh il-ħaddiema tagħna.

27.5.14 Il-Viċi Sindku staqsa wkoll jekk għandniex xi nformazzjoni dwar meta ser tingħata t-tieni kisja ta' Triq Sant Antnin. Is-Sindku wieġbu li mill-informazzjoni li għandu għandha titkompla b'effett immedjat.

**27.6 Korrispondenza**

27.6.1 Il-Kunsill qabel li għandna inneħħu d-disable parking li nzebah dan l-aħħar fi Triq f'Ghajnsielem quddiem u npoġġuh quddiem min talbu.

27.6.2 Is-Sindku rrefera għall-proposta li rċevejna mingħand partner li qegħdin miegħu fil-proġett Amppa dwar possibilita ta' Gemellaġġ mal-gżira ta' Ustica fi Sqallija. Sar qbil li għandna nitolbuhom aktar informazzjoni.

27.6.3 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta li toqgħod fi Triq Baħħara fejn talbet biex navżaw li min qed jagħlef il-qtates fi Triq Baħħara biex ma jibqax jagħlef fil-post peress li l-qatates qed jinżlu fil-bitħa tagħha u hi allergic għal qtates. Talbet ukoll biex titneħħa il-cat shelter minn Baħħara Street. Il-Kunsill qabel li għandu jindaga ftit fuq dan il-kaz.

27.6.4 Giet trattata t-talba mingħand resident ghal refreshing ta' yellow lines faċċatta ta 74 Triq il-Hamri.

27.6.5 Ġiet trattata t-talba mingħand resident biex tittranga ħotba fi Triq Daħla tal-Agħma.

27.6.6 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta għall-railing faċċata ta' Balzunetta Court Blk A fi Triq il-Provigarju. Sar qbil li għandna niċċekjaw ir-raġuni għal xiex inhi meħtieġa.

27.6.7 Ġiet trattata t-talba mingħand resident għal one metre double yellow lines fuq kull naħa tal-garage fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill qabel sakemm il-one metre jinsab quddiem tiegħu.

27.6.8 Gie trattat l-ilment mingħand ir-residenti li joqogħdu f Patrick Court Blk B Flt 1 fi Triq Dun Frangisk Mizzi li hemm xi residenti mill-istess blokka qed joħorgu iż-żibel minn filgħaxija u jarmu barra. Sar qbil li għandna nibgħatu ittra lill-kull appartament tal-blokka fejn ninfurmawhom bil-ħinijiet tal-gbir tal-iskart.

## 27.7 Aġġornament dwar Proġetti

27.7.1 Is-Sindku Kevin Cauchi taha aġġornament dwar il-proġetti li għandna għaddejjin bħalissa fosthom:

27.7.2 **Pjazza Tolfa** - Huwa spjega kif bdiet tinbena l-istruttura tal-green canopy u x-xogħol jidher ġej tajjeb ħafna. Sar il-membrane u ser niġbru stimi għal pjanti u siġar. IIs-Sindku spejga wkoll kif ser jigi ffirmat il-ftehim tal-Kunsilli kollha li ħadu l-fondi minn Ambjent Malta fosthom Għajnsielem. Huwa wera x-xewqa li issa li ninsabu f'fażi avvanzata tal-proġett insibu kooperazzjoni mis-Sindku il-ġdid ta' Tolfa dwar it-trasportazzjoni tal-ġebla.

27.7.3 **Playingfield Gudja** - Is-Sindku spjega kif It-tender għal dan il-proġett għalaq u ser jiġi aġġudikat. Sadanittant saret laqgħa bejn il-Perit u Galea Curmi dwar it-tfassil tat-tender tad-dawl biex ikun jista jiġi ppublikat dan it-tender.

27.7.4 **Xatt l-Aħmar** - Is-Sindku għamel referenza għad-diversi xogħolijiet li saru fix-Xatt l-Aħmar fosthom dak tax-shifting tal-blat minkejja li sar rapport mal-Planning u ix-xogħol kellu jieqaf iżda laħaq tlesta kollox. Mid-dehra suppost sar anke permess mal-planning apparti mal-ERA. Is-Sindku spjega kif issa il-perit ser jagħmel disinn għal platform pathway mit-taraġ tal-ingliżi sal-platform li hemm bħalissa. Is-Sindku propona sabiex nibdew naħsbu biex għas sena d-dieħla swimming zone nsibu options

irħas biex ma nonfqux l-ispiża lin nfaqna dis-sena u li għandna nkomplu niġru wara l-ministeru għal Għawdex għall-platform fis-slipway il-qadima fejn dis-sena kellna r-railing. Is-Sindku spjega kif issa li s-sajf għadda, ser jinġabar il-boat mooring mix-Xatt l-Aħmar

27.7.5 **Ħitan tas-Sejjieħ** - Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera ghal-laqgħa li kellu mas-Sur Gili l-kuntrattur rebbieh ta' din l-offerta. Iltaqgħu fuq il-post u urih xi ritratti ta' xogħlijiet simili li qed jagħmel Malta fejn jidher sejjer xogħol tajjeb ħafna. Ix-xogħol mistenni jinbeda f'Ottubru u l-perjodu ta' mplimentazzjoni huwa dak ta' sitt gimgħat.

27.7.6 **Librerija** - Is-Sindku bi pjacir ħabbar li l-permess tal-MEPA għal dan il-proġett inħareġ. Ser jiġu xxiftjati l-PVs li hemm fuq f'parti oħra mill-iskola. Is-Sindku propona li għandna napplikaw għall-fondi għal dan il-proġett mill-iskema tal-LESA li tagħlaq fl-aħħar ta' Novembru.

27.7.7 **Ta Bordin** - Is-Sindku spjega kif Il-perit qed jlesti il-kejl sabiex jekk jirnexxielna nemendaw il-pjanti, biex eventwalment inressqu Change Request biex mis-savings li jibqa issir parti oħra li qbilna dwarha fil-laqgħat preċedenti. Il-Kunsill qabel ma' dan.

27.7.8 **Arkata Storika** - Is-Sindku rrefera għall-approvazzjoni ta' kemm dik ta-Familja Vella u anke dik ta'Bate li bagħtulna bil-miktub li ma jsibu ebda oġġezzjoni li tinbena l-arkata. Dan ghaliex ġejna mitluba mill-lands il-permess tagħhom. Is-Sindku wera x-xewqa wkoll li tkun ċara ma dawn il-persuni li m'għadna ebda ħsieb li l-arkata terġa tibda tintużża bħal passat bħala pont biex jaqsmu minn Ta' Passi għal Triq Hamri anke minħabba il-fatt li llum din hija art privata. Il-passaġġ mnejn konna ninżlu ġie magħluq u għalhekk l-aċċess jinsab magħluq. Il-proġett tal-playing field ser ikun jinkludi taraġ li minnu jinżlu fil-wied. Sar qbil li għandna naraw li jkollna aċċess ikkontrollat minn naħa tagħna.

## 27.8 Milied 2021 u Bethlehem f'Għajnsielem

27.8.1 Is-Sindku rrefera għall-iskema SPI/SCI/6/2021 - Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied mnedija mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn għaliha nistgħu napplikaw għall-ispejjes konnessi mal-Milied f'Għajnsielem. Huwa spjega kif permezz ta' Bethlehem f'Għajnsielem u t-tiżjin li kull sena qed jiżdied f'Għajnsielem, nistgħu niftaħru li Għajnsielem f'Diċembru jinbidel f'villaġġ tal-Milied u għalhekk jixraq li napplikaw għall-ispejjes minn din l-iskema.

27.8.2 Bħala spejjes il-Kunsill qabel li għandu japplika għal dawn l-ispejjes:

| | |
|---|---|
| Siġra tal-Milied | €6,500 |
| Santa's Village | €2,500 |
| Tiżjin u mixgħela tat-toroq tal-lokal | €10,000 |
| Tiżjin faċċata tal-Kunsill u l-iskola | €1,500 |
| Sound system mat-toroq | €500 |
| Attivitajiet tal-Milied | €3,000 |
| Promozzjoni | €1,500 |
| **TOTAL** | **25,500** |

27.8.3 Għall-attivita' ta' Bethlehem f'Għajnsielem ma nistgħux napplikaw taħt din l-iskema peress li applikajna għaliha taħt skema oħra.

27.8.4 Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal dawn l-ispejjes.

27.8.5 Is-Sindku rrefera ghall-ħtiega li niġbru stimagħat-tiżjin tal-Milied. Sar qbil li għandna nibgħatu email bir-rekwiżiti lil tlett kuntratturi. Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li wara li ressaqna t-talba sabiex isir tiżjin mat-triq Tax-Xatt (Mgarr Road) u Triq Sant'Antnin, irċevejna r-risposta li Triq tax-Xatt ser tkun imżejjna kollha u li Triq Sant'Antnin ser tġgi nkluża sena oħra.

27.8.6 Bħala tiżjin sar qbil li jsir kollox bħas sena l-oħra iżda nżidu Triq Fawwara fejn nsaqfuwa bil-fairlights li sservi speċita' mina bħala l-entratura għal-pjazza.

27.8.7 Is-Sindku rrefera li għandha terġa tintrema s-Siġra tal-Milied fil-pjazza. Tintrema bħas-sena l-oħra u tinxtegħel fid-9 ta' Diċembru f' Jum Għajnsielem u nippruvaw li norganiżżaw Gieħ Għajnsielem fl-istess ġurnata.

27.8.8 Sar qbil li bhala attivitajiet għandna naraw li norganiżżaw kif nistgħu bil-limiti tar-restrizzjonijiet tal-Covid. Sar qbil li għandna nagħmlu l-attivita' annwali tal- anzjani, tour bit-train u xi attivita' għat- tfal fil-ground.

27.8.9 Saret referenza għall-attivita' ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Sabiex issir l-attivita' rridu hafna riżorsi peress li l-villaġġ ġġrrab ħafna ħsarat u jinsab fi stat kundannabbli. Dan ikkonfermah ukoll ir-Risk Assessment li tlabna u ġie provdut mill-AME. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita' li jinfetaħ b'mod limitat billi tiġi armata l-grotta biss. Jifdal xorta l-problema tal-atturi u kif ser jiġu kkontrollati l-folol minħabba r-restrizzjonijiet. F'dan l-istadju, l-Kunsill qabel li għandu jibda t-tindif u ssir laqgha urġenti tal-Kumitat Bethlehem f'Għajnsielelm u nistiednu lill-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri sabiex jattendi biex naraw t-triq il-quddiem. Sar qbil li l-laqgħa tal-Kumitat ser issir fl-1 t'Ottubru 2021.

27.8.10 Il-Viċi Sindku qal li għal din is-sena xtaqt jsir 4 brazzi jew fanali kbar madwar is-siġra tal-milied biex nkunu kabbarna fuq dak li kellna is-sena l-oħra u jkun hemm attrazzjoni ġdida. Sar qbil li nġibu l-istimi neċċesarji.

**27.9 Halloween**

27.9.1 Is-Sindku għamel referenza għall-attivita' tal-Halloween fejn propona li għal din is-sena ser tkun tikkonsisti biss billi nibdlu l-gnien ta' quddiem il-Kunsill f'wieħed tal-waħx u nħalluħ miftuħ għall-pubbliku matul il-weekend kollu. Sar qbil li għandna ninvestu f'aktar tiżjin. Sar qbil li għandna naħsbu għall-security miegħu anke ma' llejl biex nassiguraw li ma jinsteraq xejn. Sar qbil li għandna nressqu talba lill-Ministeru għal Għawdex għal sponsor finanzjarju.

27.9.2 Sar qbil ukoll li għandna nżejjnu d-daħla tal-iskola u nagħmlu attivita' qasira għat-tfal tal-iskola nhar il-Ġimgħa 29 t'Ottubru billi nagħtuhom borża ħelu.

27.9.3 Sar qbil li għandna nagħlqu t-triq ta-bejn il-każin tal-football u l-kunsill għal matul il-weekend.

## 27.10 Ġemellaġġ Loreto

27.10.1 Is-Sindku rrefera kuntatt ieħor li kellna mal-Comune di Loreto permezz tas-Sur Lelio Spiteri fejn f'isimna ltaqa' magħhom dirett waqt żjara li kellu f'din il-belt. Huwa għadda l-awgurju tagħna filwaqt li huma rriċiprokaw lura. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi b'dawn il-kuntatti li qed ikunu kontwini anke permezz ta' whatapp group li twaqqaf. Is-Sindku esprima s-sodisfazzjon ta' dawn il-kuntatti u stqarr kemm hu sabiħ li tara dan il-ġemelaġġ mibni fuq diversi binarji differenti.

27.10.2 Il-Kunsill qabel li għandna naraw kif naħmlu l-ewwel kuntatt fiżiku magħhom billi nistiednuhom li jew jiġu huma jew mmorru aħna biex nagħtu bidu sħiħ għal dan il-ġemmellaġġ.

27.10.3 Is-Sindku propona li ninkarigaw lill-iskultur Joe Xuereb sabiex jagħmel monument u jiġi nawgurat fl-okkażżjoni tal-ġemellaġġ. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 27.11 Attivitajiet anzjani

27.11.1 Sar qbil li issa li qed jiġu rilaxxjati r-restrizzjonijiet tal-Covid għandna norganiżżaw xi attivitajiet għall-anzjani wara assenza twila ta' attivitajiet. Sar qbil li għandna nagħmlu Get Together għall-anzjani f'Għajnsielem stess biex għalissa nevitaw il-mezzi magħluqin ta' trasport.

27.11.2 Sar qbil li għandna nagħmlulhom ikla tal-Milied fejn matulha inġibu xi entertainment biex inferrħuhom ftit.

27.11.3 Sar qbil ukoll biex appena jintreħew aktar ir-restrizzjonijiet għandna norganizzaw ħarga għal Malta jew Weekend Break.

## 27.12 Triq Wied ir-Rgħajjes

27.12.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera ħhal-laqgħa li kellu ma' sid l-art li tinsab fi Triq Wied ir-Rgħajjes fejn fiha hemm ħajt li spiċċa fin-nofs peress li nbnew xi postijiet u ġew irtirati lura sabiex titwessa' t-triq. Dan il-ħajt jinsab perikoluż u peress li din hija l-unika u l-aħħar plot mhux mibniha, is-sid offra li din il-biċċa art jagħtiha lil pubbliku sabiex titwessa t-triq peress li hu mhux bi ħsiebu jiżviluppaha bħalissa. Dan bil-kundizzjoni li l ħajt nressquħ lura u nibnuh aħna minn taħt.

27.12.2Il-Kunsill apprezza ferm din id-deċiżjoni għax permezz tagħha t-triq titwessa u tiġi b'żew karreġjati.

27.12.3Il-Kunsill laqa' b'sodisfazzjon din l-offerta u qabel li għandu jintradam u jittella' ħajt. Sar qbil li l-ewwel għandna nikkuntatjaw ic-CMU għal din il-biċċa xogħol u jekk ma' jgħinuniex nsibu kuntrattur privat.

## 27.13 Twaqqif tal-Evaluation Board għall-Offerta ta' Ghajnsielem Learning Garden

27.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex naħtru Bord biex jevalwa l-offerta tax-xogħolijiet tal-Għajnsielem Learning Garden. Il-Kunsill qabel li l-Bord għandu jkun maħtur mis-Sidku Kevin Cauchi bħala Chairman, mis-Sur William Sultana ,mill-Avukat Joshua Grech , mis-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber u mill-Perit Shawn Micallef .

27.14 Ingaġġ ta' Steward għat-trattament xieraq tal-annimali
27.14.1 Il-Kunsill irrefera għall-iskema li applika għaliha ghall-Ingaġġ ta' Steward għat-trattament xieraq tal-annimali. Sar qbil li għandna nohorgu sejħa mal-Jobplus.

## 27.15 Diskussjoni dwar Byelaw għall-kontroll tal-ħamiem

27.15.1 Giet diskussa l-problema tal-kontroll tal-ħamiem u dwar byelaw għall-kontraċettivi tal-ħamiem. Il-Kunsill qabel li ħhandna nieħdu parir qabel nipproċedu peress li ma nixtiequx li nkunu qed nimpimentaw xi mezz li jservi kontra l-qerda tal-għasafar. Sar qbil ukoll li għandna nieħdu xi feedback mingħand Kunsilli Lokali oħra.

## 27.16 Ġita barra minn Malta

27.16.1 Is-Sindku propona wkoll li għandna anke nippjanaw ġita ta' erbat ijiem barra minn Malta. Sar qbil li għandna nikkoordinaw safra ma' Sisu Tours għal ħabta ta' Mejju 2022.

## 27.17 Materji oħra

27.17.1 Għal-laqgħa kien preżenti Robert Tabone li huwa kandidat għar-Regjun t'Għawdex biex jaqsam il-ħsibijiet tiegħu b'mod partikolari tar-Regjun. Huwa spjega kif f'Ottubru ser issir l-elezzjoni tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali . Is-Sur Tabone rringrazzja lill-Kunsill talli laqa' l-istedina tiegħu u b'hekk seta' jagħti l-viżżjoni tiegħu biex jixpruna l-agenda ta' Għawdex u l-Kunsilli Lokali li jħoss li wara 30 sena verament għamlu d-differenza. Huwa esprima li jekk jiġi elett ser jara kif nistgħu nagħtu aktar poteri lill-kunsilli lokali u kif jissaħħaħ il-Kunsill Regjonali. Huwa spjega kif iħoss li hemm distakk bejn ir-Regjun u l-kunsilliera u li propona li kull *quarter* għandha ssir laqgħa bejnu ma' kull kunsill għax kollettivament kapaċi nwasslu l-vuċi għax flimkien aktar nagħmlu ħoss u niksbu s-suċċess

mixtieq. Il-Kunsill irringrazzjah ferm ta' din il-laqgħa u awguralu kull suċċess.

27.17.2 Preżenti għal-laqgħa kien hemm ukoll is-Josef Scicluna. Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-identifikazzjoni ta' biċċa art wara l-grawnd biex titranġa bħala pitch. Ir-Redcoats aċċettaw bil-ħerqa din il-proposta u ntlaħaq ftehim sabiex titranġa bl-għajnuna tas-CMU u l-ħaddiema tal-Kunsill. Punt iehor li qajjem is-Sur Scicluna huwa l-pubblikazzjoni ta' ktieb li qed jagħmel dwar ' Chambray li beda jibni sa' mill-2009. Il-ktieb ser ikun imqassam fi tlett taqsimiet, l-istorja, il-ħajja ta' Chambray, u dwar il-binja. Is-Sur Scicluna taha deskrizzjoni tal-istorja u kontenut u esebixxa d-draft tal-ktieb. Il-Kunsill immeravilija ruħu għal din il-biċċa xogħol nobbli u wegħdu kull għajnuna possibli minn naħa tagħna.

**27.18 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

27.19.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

**27.20 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

27.20.1 Il-laqgħa intemmet fit-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgha 22 ta' Settembru 2021 fl-4:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**